MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2248/2002

**FrigoTrans Two Ltd**

**Vs**

**Sunny Delite Ltd**

.

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf erbgha mija u tmienja u tletin lira Maltija u tletin centezmu (Lm1,438.30), rapprezentanti spejjez ta' trasport u kiri ta' trailer.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lir-rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elf erbgha mija u tmienja u tletin lira Maltija u tletin centezmu (Lm1,438.30), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------